# ATTIVITA' BIBBLIKA

## IL-PARABBOLA TAT-TALENTI

Wieħed li kien se jsiefer sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u ħallielhom ġidu f'idejhom.

Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, kull wieħed skond il-ħila tiegħu. U siefer.



Dak li kien ħa l-ħames talenti mar minnufih iħaddimhom u qala' ħamsa oħra.

Hekk ukoll dak li kien ħa tnejn qala' tnejn oħra.

Iżda dak li ħa wieħed mar ħaffer fl-art u ħeba flus sidu.

Wara ħafna, sid dawk il-qaddejja raġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet magħhom.

Resaq quddiemu dak li kien ħa ħames talenti u ġieblu ħames talenti oħra. 'Sinjur,' qallu, 'ħames talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt ħamsa oħra.'

Qallu s-sinjur, 'Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek.'

Resaq ukoll dak li kien ħa żewġ talenti, u qallu, 'Sinjur, żewġ talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt tnejn oħra.'

Qallu s-sinjur, 'Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek.'

Iżda resaq ukoll dak li kien ħa talent wieħed, u qal, 'Sinjur, lilek nafek bħala raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx u tiġbor fejn ma xerridtx. Bżajt, u mort ħbejt it-talent tiegħek fl-art. 'Hawn, ara, għandek dak li hu tiegħek.'

Qabeż is-sinjur u qallu, 'Qaddej ħażin u għażżien, kont taf li jien naħsad fejn ma żrajtx u niġbor fejn ma xerridtx. Mela kien imissek mort qegħedt flusi l-bank biex, meta niġi, kont immur niġborhom bl-imgħax. Ħudulu mela t-talent u agħtuh lil dak li għandu l-għaxar talenti. Għax kull min għandu, jingħatalu, u jkollu ż-żejjed ukoll; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu.

U lil dan il-qaddej bla fejda itfgħuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.

*TALENT huwa ammont ta' flus tal-fidda li kien jissarraf 6000 denar. Denar kien normalment hlas ta' jum xoghol lill-haddiem. Ghaldaqstant talent kien ta' valur kbir hafna billi dan kien ifisser valur ta' ghoxrin sena xoghol minn persuna ordinarja.*

# MISTOQSIJIET

## VERU jew FALZ

Is-Sid taghhom kien jistenna li jkollu rizultati minghand kull qaddej

Is-Sid kien jippretendi li kull qaddejj jkollu l-istess numru ta' talenti meta jirritorna lura.

Kull qaddej qala' xi haga minn dak li kien moghti

Il-qaddej li kellu talent wiehed tilfu qabel ma' sidu irritorna.

Il-qaddej li kellu talent wiehed tilfu wara li sidu rritorna.

# Wiegeb:

Min tahseb li s-sid  jirrapresenta?

Min tahseb lil-qaddejja jirrapresentaw?

Kif gab ruhu s-sid mal-qaddej li kellu 5 talenti.

Is-sid kien kuntent bli ghamel il-qaddej taz-zewg talent bhal ma kien kuntentbil-qaddej tal-hames talenti?

Kif hassu s-sid quddiem il-qaddej li kellu talent wiehed?

X'ghandna naghmlu bit-talenti li tana Alla?

Semmi zewg talenti li tak Alla.

X'jigri jekk ma nuzawx it-talenti li tana Alla sew?

B'kemm talenti spicca dak il-qaddej li kellu 5?

B'kemm talenti spicca dak il-qaddej li sidu tah 2 talenti biss?

X'ghamel il-qaddej li kellu talent wiehed biss?

**ID-DONI LI BIHOM ZEJJINNI ALLA IRRID NIZVILLUPHOM**

Taghlima Prattika

Alla jaghti r-rigali tieghu, id-doni tieghu, it-talenti lil kulhadd. Biss xi kultant jigir li ahna ma nindunawx bit-talenti taghna ghax inkunu mehdija b 'ta' haddiehor. X'hasra u hela li flok nizvillupaw dak li zejjinna bih Alla ghall-gid taghna u ta' ghajrna, ninhlew biex nikkupjaw dak li ghandu haddiehor!

Ejjew naraw x'inhu t-tajjeb fina u nikkultivawh. Taghraf li ghandek id-don tal-kitba, mela aqbad il-biro u thallihiex fil-but, izda ikteb biex tghallem lil haddiehor, ikteb ghan-nom ta' xi hadd illiterat meta dan jixtieq jikteb xi ittra lil ibnu jew bintu msiefra.............

Kapaci titkellem, mela tuzax l-kliem biex titghajjar jew isseksek lill-proxxmu ghall-glied izda izra' il-paci fejn tara li hemm nuqqas ta' ftehim, xandar il-kelma t'Alla, aghti parrir tajjeb..............

Alla, imbaghad jaf irodd tajjeb lil dawk li jkunu wzaw it-talent taghhom ghall-gid.

Aghti l-kulur li din it-tpingija



SIB IT-TRIQ LI TIEHDOK LEJN IL-QADDEJJA LI KELLHOM 5 U 2 TALENT U LI SIDHOM TAHOM PREMJU GHALIEX HADDMU L-TALENTI TAGHHOM. FL-AHHAR SIB IT-TRIQ TA' DAK IL-QADDEJ GHAZZIEN LI KELLU TALENT WIEHED BISS




X'TAHSEB LI QED JGHID BEJNITHOM?